**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2641/96 FDP fl-ismijiet:-**

**Giovann Camilleri**

**Vs**

**Edgar Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Giovann Camilleri kontra Edgar Camilleri pprezentat fit-31 ta’ Mejju 1996, li permezz tieghu wara li ppremetta:-

Illi l-esponent u l-intimat Edgar Camilleri huma t-tnejn l-unici socji u diretturi fis-socjeta` konvenuta Soap & Sponge Company Limited, f’liema socjeta` t-tnejn ghandhom ishma ugwali;

Illi xi zmien ilu inqalghu diversi diverbi bejn il-partijiet b’mod li ma kienx aktar possibbli li jkomplu jmexxu n-negozju flimkien;

Illi l-intimat abusivament u minghajr ebda dritt jew awtorita` ha n-negozju kollu tas-socjeta`

f'idejh, qieghed jpoggi f'kontijiet bankarji tieghu personali flus ta' l-istess socjeta`, qieghed jeffettwa pagamenti ghan-nom ta' l-istess socjeta` fuq ir-responsabilita` tieghu biss, u qieghed jkompli bin-negozju fuq il-firma u l-awtorita` tieghu biss meta l-istatut ta' l-istess socjeta` jipprevedi li kull att socjali ghandu jkollu l-firem u jsir fuq l-awtorita` taz-zewg diretturi;

Illi l-intimat Edgar Camilleri qieghed jonqos milli jaghti kwalsiasi rendikont tal-gestjoni tan-negozju ta' l-istess socjeta` lill-esponent, li hu sar socju kif ukoll direttur tas-socjeta` intimata;

Illi l-intimat qieghed jonqos ukoll li jsejjah laqghat tal-Bord tad-Diretturi u tal-General Meeting kif previst fil-ligi u doveruz fic-cirkostanzi tal-kaz;

Illi ghalhekk it-tmexxija tas-socjeta` ma ghadiex aktar possibbli u jezistu cirkostanzi u atti biex jaghtu lok ghax-xoljiment taghha;

Illi bic-citazzjoni numru 1456/91F l-esponent kien iddeduca din l-pretensjoni tieghu kontra l-intimat u kien talab li tigi dikjarata xolta 'l fuq imsemmija socjeta`, liema citazzjoni giet deciza adesivament mat-talbiet tar-rikorrent fid-19 ta' Gunju, 1995 u mil-liema sentenza ghad hemm appell pendenti;

Illi l-fatt li l-intimat qed jkompli jiggestixxi dan in-negozju qed jikkawza lir-rikorrent danni li ma jkunux facilment riparabbli;

Huwa talab lil Qorti tordna il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex dan jigi inibit milli jkompli wahdu jiggestixxi n-negozju ta' Soap & Sponge Company Limited.
Rat ir-risposta ta' l-intimat fejn *inter alia* irrefera ghal kawza dwar ix-xoljiment tas-socjeta` deciza fid-19 ta' Gunju 1995 u li allura kienet quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u issottometta illi fic-cirkostanzi, ir-rikorrent "*ma ghandux dritt li jitlob li l-intimat jigi inibit milli jkompli wahdu jiggestixxi n-negozju tas-socjeta`*";

Semghet lill-partijiet u lid-difensuri;Ikkonsidrat li dan ir-rikors ilu pendenti ghal diversi snin peress li, skond ma jidher mid-diversi verabli ta' l-Udjenzi, il-partijiet u d-difensuri kienu iltaqghu bosta drabi biex jippruvaw isibu soluzzjoni accettabli ghaz-zewg nahat;

Ikkonsidrat li sa meta r-rikorrent ta l-ahhar xhieda tieghu quddiem il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2000 ikkonferma li "*Jiena qieghed naghmel dan ir-rikors biex inwaqqaf lil hija li huwa shab mieghi fil-gestjoni u fil-proprjeta` tas-socjeta` Soap & Sponge Limited milli jkompli jiggestixxi din is-socjeta` wahdu*" ghalkemm fl-istess xhieda qal li "*f'dan ix-xahar illi ghadda jiena ergajt qed nipprova immexxi l-kumpanija jien*";

Ikkonsidrat li mix-xhieda taz-zewg partijiet fl-ahhar Udjenza irrizulta ampjament illi l-posizzjoni tat-tmexxija tan-negozju inqalbet u issa huwa ir-rikorrent li qed jiggestixxi minflok l-intimat, in-negozju relattiv;

Ghaldaqstant irrizulta li illum it-talba tar-rikorrent (li setghet kienet valida meta gie intavolat ir-rikors) ma ghadiex aktar sostenibbli peress illi huwa proprju l-istess rikorrent li ha il-gestjoni f'idejh.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti, in vista ta' kif zvolgew ic-cirkostanzi, tichad it-talba tar-rikorrent b'dan pero` li l-ispejjez relativi ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

Illum, 30 ta' April, 2001.

(ft) Onor. Imh. Franco Depasquale

(ft) Emanuel Sciriha
Deputat Registratur